# Il-messaġġ ta' BirdLife Malta lill-Prim Ministru f'10 punti

1. Id-deċiżjoni tal-Prim Ministru Robert Abela biex jagħti l-imsaġar tal-Miżieb u l-Aħrax hija xprunata minn interessi purament elettorali. Minflok ma nagħtu aktar art lura lill-pubbliku jew inkella nħarsu l-ambjent naturali, jew inġibu lura dak li tlifna permezz ta' kostruzzjoni u żvilupp selvaġġ, il-Prim Ministru qed jixpruna politika żbaljata u antikwata dwar l-ambjent.
2. Id-deċiżjoni tal-Gvern li jgħaddi artijiet lil għaqdiet ambjentali f'dan iż-żmien ma tfissirx li aħna ser nagħlqu ħalqna .... għax l-artijiet li ser jgħaddu lill-għaqdiet ambjentali huma rigal li aħna ser nagħtu lura lill-pubbliku. Bħalma dejjem għamilna għal dawn l-aħħar 50 sena.
3. Lanqas ma jfisser li għax il-Gvern qed jagħmel inċineratur, jew jiżra' ftit siġar ma' toroq mostrużi jew inkella jagħmel ġonna miksijin bil-konkrit, dan għandu jikkanċella d-deċiżjonijiet żbaljati li qed jieħu llum.
4. Qatt ma kien hemm Gvern li niżżel il-ħarsien tal-ambjent naturali tant fil-baxx. U dan f'mument meta l-Gvern bil-maġġoranza elettorali li għandu jista' faċilment jieħu deċiżjonijiet kuraġġjużi li huma bbażati fuq politika moderna u progressiva favur l-ambjent. U meta fil-manifest elettorali kien hemm wegħda biex l-ambjent jiġi mħares għall-ġid tal-pubbliku. Aktar u aktar fid-dawl li dan il-Gvern huwa wkoll parti mill-grupp Soċjal-Demokratiku li jpoġġi l-ħarsien ambjentali fuq nett.
5. Biex inkomplu, l-infurzar tal-liġi waqa' lura, bil-pulizija u l-forzi tal-ordni inkapaċi jwaqqfu l-qtil sfrenat ta' għasafar protetti u fil-periklu ta' estinzjoni – qegħdin hawnhekk nurukom Ajkla Bajda (Short-toed Eagle) li se tittieħed lill-veterinarju tal-Gvern. Dan l-għasfur maestuż ġie milqut serjament minn kaċċaturi f'Għawdex. Ilbieraħ inqatlu 11 minn dawn l-għasafar. Dawn huma ghasafar li huma protetti fid-dinja kollha u mhumiex kaċċabbli.

6. Din kienet l-iktar sena li fiha nqatlu għasafar protetti, f'dawn l-aħħar tmien snin. S'issa din is-sena diġà ġbarna 166 għasfur protett ferut jew maqtul. Turija ta' kemm dan il-Gvern m'għandux għal qalbu l-ambjent naturali u lest jiġi manipulat mil-lobby tal-kaċċa.
7. Il-Prim Ministru Robert Abela wkoll għażel li jiftaħ l-istaġun tal-insib, meta dan mhux possibbli skont id-direttivi tal-UE, bil-premessa li n-nassaba ser jagħmlu studju xjentifiku u wara jitilqu l-għasafar. Lanqas nistgħu nemmnu li jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet fares, u li l-Gvern jitwemmen.
8. Il-fatt li l-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) hija mmexxija minn kaċċaturi u nassaba u koordinata mill-Ministru Clint Camilleri li huwa Ministru għal Għawdex u persuna li jipprattika l-kaċċa u l-insib tkompli tikkonferma kemm vera kollox qed isir għal skop elettorali.
9. Fid-dawl ta' dan kollu qed nitolbu li l-pubbliku jingħaqad magħna bil-preżenza tiegħu fil-Miżieb nhar il-Ħadd, fl-4pm.
10. Fuq kollox nitolbu n-nies biex jissieħbu mal-għaqdiet ambjentali biex nuru li l-Maltin u l-Għawdxin iridu ambjent naturali u mhux deċiżjonijiet antikwati kontra l-ambjent. U li kulħadd jitkellem mal-membri parlamentari tiegħu u jurihom kemm huma rrabjati bid-deċiżjonijiet anti-ambjentali li jittieħdu.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org